MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 422/2002/1

Kawza fil-lista: 43

**A mart B C, f' isimha proprju u bhala kuratrici 'ad litem' taz-zewg uliedha minuri, D u E, ahwa C**
**vs**
**B C**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-attrici izzewget lil konvenut fis-26 ta' Lulju, 1990 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal u cioe' D li twieled fid-29 ta' Dicembru1990 u E li twieled fit-3 ta' Frar 1997;

Peress illi minhabba sevizzi, eccessi, theddid, u ingurji gravi dapparti tal-konvenut il-hajja konjugali ta' bejniethom saret impossibli;

Peress illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet numru 436/2002 moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili (Dok. A);

Peress illi fl-ahjar interess tal-ulied minuri, huma ghandhom jigu fdati fil-kura u kustodja tal-attrici b' dan il-konvenut ghandu jerfa r-responsabbilta' magguri ghall-manteniment taghhom;

Peress illi minhabba l-mezzi finanzjarji limitati tal-attrici, il-konvenut ghandu wkoll ihallas manteniment ghall-bzonnijiet tal-attrici nnifisha;

Peress illi l-attrici tixtieq ukoll li l-komunjoni ta' l-akkwisti tigi xolta u likwidata u l-beni parafernali u dotali taghha jigu lilha restitwiti;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m' ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba t-tortijiet fuq imsemmija imputabbli unikament lill-konvenut.

2. Tafda f' idejn l-attrici l-kura u l-kustodja legali taz-zwieg uliedhom minuri D u E ahwa C.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici manteniment xieraq skond il-ligi ghaliha u ghall-imsemmija uliedhom minuri bil-modalita' ta' jum, hin u lok li jigu wkoll iffissati.

4. Tiddikjara li l-konvenut bhala li ddekada mid-drittijiet kontemplati fl-artikoli 48(1)(a), (b) u (d) tal-Kodici Civili.

5. Tiddikjara li l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwida u taqsamha f' zewg porzjonijiet li

jigu assenjati lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti bl-applikazzjoni tal-artikoli 48(1)(c) u 51 tal-Kodici Civili.

6. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attrici l-beni parafernali u dotali taghha u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallasha l-valur stabbilit ta' l-istess oggetti bin-nomina okkorrendo ta' periti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi l-ewwel talba tal-attrici ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali ma hijix opposta b' dan pero' illi kienet l-istess attrici illi gabet it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti.

2. Illi t-tieni talba hija opposta billi l-imgieba ta' l-attrici hija tali illi ma tistax tigi affidata bil-kura u kustodja tat-tfal minuri.

3. Illi t-tielet talba attrici ghal hlas tal-manteniment hija opposta billi l-attrici m' ghandhiex il-kura u kustodja tat-tfal u talli hija logikament u gjuridikament anterjuri ghall-hlas tal-manteniment.

4. Illi r-raba' talba hija opposta billi l-kera hija f' isem il-konvenut sa minn qabel iz-zwieg u dan kif ser jigi ppruvat waqt l-kors tal-kawza u in oltre bl-ebda mod ma ta' lok ghal xi ordni ghall-zgumbrament tal-istess.

5. Illi t-talba ghall-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti m' hijix opposta b' dan pero' illi jigi ppruvat liema huma l-oggetti dotali jew parafernali tal-attrici, u b' riserva fis-sens illi l-konvenut m' huwiex fil-pussess ta' kwalunkwe gid tal-attrici, b' riserva ulterjuri illi f' kaz illi l-attrici tigi eventwalment dikjarata li ddekadiet mid-dritt taghha fl-akkwisti maghmula principalment bil-hidma tal-konvenut, tali dekadenza tigi applikata fid-divizjoni eventwalment ordnata billi jigu identifikati l-oggetti hekk akkwistati wara d-data illi fiha l-attrici tigi misjuba li kienet hatja tal-firda.

6. Illi s-sitt talba hija opposta stante l-fatt illi kienet l-istess attrici illi gabet it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti u ghalhekk ma hemmx lok ghall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-ligi citati mill-attrici u di piu’ l-attrici ddekadiet minn porzjoni sostanzjali tal-gid komuni.

Rat il-kontro talba maghmula mill-konvenut rikonvenzjonant u li tinsab a fols.58 sa 62 tal-process;[1]

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur rikonvenzjonat u li tinsab a fols.67 sa 69 tal-process;[2]

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Rat ir-relazzjoni[3] ta’ l-Avukat Dottor Vincent Galea minnu debtiament mahlufa;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet iz-zewg minuri kameralment;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni u kontro talba**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna u tal-kontro talba, il-partijiet qed jitolbu s-separazzjoni personali minhabba li l-hajja konjugali bejniethom m’ ghadhiex aktar possibbli, ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta attwibwibbli lil xulxin, kif ukoll ghar-raguni kontemplata fl-artikolu 38 ta’ l-istess Kap. attribwibbli, skond il-konvenut, lill-attrici.

**Separazzjoni Personali**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fis-2 ta’ Lulju 1990 meta kienu ghandhom zghar hafna u wara li kienu

[1] Appendici A – fols.58 sa 62
[2] Appendici B – fols. 67 sa 69
[3] Vol.IV fols.1723 *et seq.*

ilhom jiffrekwentaw lil xulxin circa sentejn. Sussegwentement l-attrici harget tqila mill-konvenut, u erba' xhur wara zzewwgu. Peress li f' dak iz-zmien il-konvenut kienu ghadu jistudja, u l-attrici kienet tahdem bhala sales girl, il-partijiet, fuq stedina tal-genituri tal-konvenut marru joqghod ghandhom, u damu jghixu hemm circa hames snin.

Fis-sena 1994 il-konvenut iggradwa ta' spizjar u beda jahdem, u l-attrici, f' dak iz-zmien waqfet mix-xoghol. Sussegwentement, fis-sajf tas-sena 1995 huma marru joqghod fid-dar konjugali li nbniet fis-Swatar.

Fil-frattemp kien twieled it-tifel D fid-29 ta' Dicembru 1990, u fit-3 ta' Frar 1997 twieled it-tifel E.

Jirrizulta li l-konvivenza matrimonjali ma kienitx wahda felici, bl-attrici takkuza lill-konvenut b' hafna nuqqasijiet, bir-rizultat li fis-sena 2002 l-attrici telqet mat-tfal mid-dar konjugali u marret tghix ghand ommha; u fil-11 ta' April 2002 bdiet il-proceduri odjerni.

*Verzjoni ta' l-Attrici*
Illi l-attrici taghti stampa dettaljata tar-relazzjoni taghha mal-konvenut. Hija tilmenta mill-fatt li, sa minn qabel iz-zwieg, il-konvenut wera ruhu bhala bniedem egoist hafna, inkejjuz u nsensittiv ghal bzonnijiet, materjali u emozzjonali taghha. Tghid li wara z-zwieg il-konvenut ma biddilx il-komportament tieghu fil-konfront taghha, tant li eventwalment il-konvivenza mieghu kienet saret insapportabbli, bir-rizultat li fis-sena 2002 hija qabdet it-tfal taghha u telqet mid-dar konjugali.

Hi tispjega li dan iz-zwieg kien sar peress li hi kienet inqabdet tqila, u ma rieditx tnehhi t-tarbija kif kienu ssuggerew il-genituri tal-konvenut. Di fatti l-preparamenti tat-tieg saru malajr u l-partijiet izzewwgu meta l-attrici kellha erba' xhur tqala'.

Peress li sa dak iz-zmien il-konvenut kien ghadu student u ried isegwi kors ta' spizjar fl-Universita', u peress li l-pozizzjoni finanzjarja taghhom kienet hazina, huma kienu

laqghu l-istedina tal-genituri tieghu li jmorru jqoghodu maghhom. Matul il-hames snin li damu jghixu hemm, huma sabu appogg finanzjarju qawwi minn missier il-konvenut, li kien jiffinanzja l-hajja taghhom ta' kuljum filwaqt li l-attrici kienet tuza l-paga taghha ghal bzonnijiet taghha, u l-konvenut kienu juza l-istipendju tieghu ghall-iskopijiet edukattivi. Dan il-finanzjament qawwi da parti ta' missier il-konvenut baqa' sejjer anke wara li l-partijiet marru joqghodu ghal rashom fis-Swatar, u waqaf biss meta beda jsir diskors dwar separazzjoni personali.

L-attrici tilmenta mill-fatt li l-konvenut, qatt ma kien assuma r-responsabbilitajiet tieghu ta' ragel mizzewweg. Kien johrog wahdu ma' shabu, u ma kienx ikun irid johrog ma' l-attrici. Hija tghid li qatt ma kien imur imkien maghha, lanqas fil-Hdud. Huwa kien insensittiv fil-konfront taghha u kien jghajjarha u jumiljaha anke quddiem in-nies, u kien jstmaha bhala seftura. Kien ikun dejjem bin-nervi u mdejjaq; u dan kien jaffettwa l-hajja ntima ta' bejniethom, ghax f' dawk ic-cirkostanzi l-attrici kienet tkun riluttanti li tersaq ghar-relazzjonijiet intimi. Hija tghid li, anke meta huwa kien beda jahdem fis-sena 1994, wara li spicca l-kors, huwa kien ihalliha nieqsa mill-flus, bir-rizultat li kienet kostretta terga' tibda tahdem.

*Verzjoni tal-konvenut*

Illi minn naha tieghu l-konvenut jinnega li kien jghajjarha jew jittrattaha hazin; u jichad li meta beda jahdem huwa ma kien jaghtiha flus bizzejjed ghal hajja, izda jsostni li kellhom hafna spejjez u dejn, u allura bilfors kellhom ikunu kawti fl-infieq tal-flus. Jghid li, sadanittant, qabel ma beda jahdem, huma kienu jiddependu mill-ghajnuna finanzjarja sostanzjali mill-genituri tieghu, u anke wara, missieru baqa' jghinhom finanzjarjament. Il-konvenut isostni li l-pjanijiet finanzjarji taghhom kienu jfassluhom flimkien.

Huwa jghid li wara t-twelid tat-tieni tarbija, l-attrici sofriet minn post natal depression u hu kien ihajjarha tohrog mid-dar u tissocjalizza; b' hekk eventwalment l-attrici ghamlet kors tal-haridressing, ffinanzjat minnu, u eventwalment bdiet tezercita din is-sena mid-dar tas-Swatar.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi din il-Qorti, wara ezami rett tal-provi, hija propensa li, in propozitu ghar-responsabbilita' tas-separazzjoni personali, taghti affidament lill-verzjoni tal-fatti kif esposti mill-attrici, u li huma aktar konfacenti mal-kumpless tal-provi.

Il-Qorti taqbel mal-perit legali fis-sens li dan kien zwieg qatt ma messu sar, u li jirrizulta car li sar biss bhala soluzzjoni ghall-problema tat-tqala li tfaccat matul il-perijodu tan-namur tal-partijiet. Kemm l-attrici, u wisq aktar il-konvenut li ma kienx ghadu dahal fil-hajja tax-xoghol, ma kienux preparati ghal hajja mizzewwega, u, sfortunatament l-appogg li sabu mill-genituri tal-konvenut serva ta' ostakolu ghat-tishih tar-relazzjoni matrimonjali bejniethom.

Kif sottomess mill-perit legali "..il-konvenut baqa' ghaddej qisu ma kienx hemm zwieg bejn il-partijiet. Iz-zwieg jimporta hafna sagrificju u hafna responsabbilita. Mhux ta' kemm wiehed jaqbad u jizzewweg. Wiehed ghandu kontinwament jahdem u jistinka sabix jara li johloq bilanc bejn il-hajja ta' dak li jkun u l-hajja familjari."[4]

Mill-provi jrrizulta car li l-konvenut, meta zzewweg kien ghadu jistudja u kien protett finanzjarjament mill-genituri tieghu, kien egojist ma' l-attrici, u aktar ma' beda jghaddi z-zmien, minflok issahhet ir-relazzjoni ta' bejniethom, din bdiet tiddeterjora minhabba l-imgieba abuziva tieghu fil-konfront taghha. Dan jirrizulta manifest mill-fatt li huwa ma kienx ikun irid johrog ma' l-attrici, u kien jibqa' wahdu d-dar. Kien insensittiv ghall-fatt li l-attrici, mara zghira bit-tfal, kellha bzonn li, almenu darba fil-gimgha, tohrog ma' zewgha bhala familja. Anke l-fatt li hu kien dispreggjattiv fil-konfront taghha, u li kien jumiljaha anke quddiem in-nies, u jaqla' kwistjonijiet bla bzonn maghha u mal-membri tal-familja taghha, huma evidenza tan-nuqqas ta' stima u affezzjoni li hu kellhu lejha, u li kien manifestament juri. Sahansitra, l-attrici tghid li gieghli semmielha li kellu dubju

[4] Vol.IV – fols.1,795 – 1,796

dwar il-paternita’ ta’ l-ewwel tifel, izda qatt ma laqa’ s-suggeriment taghha li jghamlu t-testijiet tad-DNA.

Il-Qorti hi tal-fehema li, dan il-komportament abuziv da parti tieghu fir-rigward ta’ martu, ripetut u abitwali, irrenda l-konvivenza matrimonjali bejniethom insapportabbli, jikkostitwixxi ‘sevizzi’ fit-termini ta’ l-artikolu 40 fuq citat, u jirrendu lill-konvenut responsabbli ghat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg.

Minn naha ta’ l-attrici, il-Qorti tosserva li ma jirrizultawx provati ragunijiet, fit-termini ta’ l-artikolu 40, li jattiraw htija ghal-firda tal-partijiet; u wisq anqas ma tirrizulta l-allegazzjoni maghmula mill-konvenut fil-konfront ta’ martu, bazata fuq id-dipost ta’ l-artikolu 38, stante li ma ngabet ebda prova f’ dan ir-rigward riferribbilment ghall-perijodu tal-prezentata tac-citazzjoni.

**Kura u Kustodja**

Illi din il-Qorti hija tal-fehema li l-kura u kustodja tal-minuri E [10 snin] ghandha tigi fdata esklussivament lill-attrici, izda decizjonijiet rigwardnati l-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri ghandhom jittiehdu konguntivament.

Illi l-konvenut qed jinghata access ghal ibnu E kull nhar ta’ Tlieta u nhar ta’ Hamis mill-4.30 pm sas-7.30 pm, u estiz sad-9.00 pm fil-vakanzi tas-sajf;

Weekend minnhom mill-Gimgha 4.30 pm sas-Sibt 8.00pm, l-weekend sussegwenti mis-Sibt 2.00pm sal Hadd 6.00 pm;

Fil-vakanzi skolastici ghandha tizdied gurnata ohra fil-gimgha, b’ access ta’ erba sieghat konkordata bejn il-partijiet; fil-jum l-omm u jum il-missier l-access fil-weekend ghandu jigi aggustat biex il-minuri jqatta’ l-gurnata mal-genitur koncernat;

Fil-gurnata tal-Milied l-access tal-konvenut ikun mid-9.30 am san-3.30 pm, filwaqt li fl-Ewwel tas-Sena l-access ikun mill-4.00 pm sat-8.00pm, u dawn ghandhom jalternaw fis-sena sussegwenti;

Fil-birthdays tat-tifel il-partijiet ghandhom jifthemu b' mod li l-konvenut ikollu hin adegwat mal-minuri;

Il-partijiet huma ordnati li ma jesponux lil minuri ghall-prezenza ta' terzi tas-sess oppost li ma jkunux parentati mal-partijiet, u l-istess partijiet m' ghandhomx jitkellmu b' mod negattiv fuq il-parti l-ohra mal-minuri jew fil-prezenza taghhom.

**Manteniment**

Illi mill-provi migjuba f' dan ir-rigward, u wara li hadet in konsiderazzjoni il-konsiderazzjonijiet u konkluzzjonijiet maghmula mill-perit legali, id-dokumenti prodotti sussegwentement, u ix-xhieda tal-konvenut moghtija fit-18 ta' Gunju, tenut kont tal-fatt li z-zewg partijiet jahdmu bi qligh regolari, tordna li l-konvenut jikkontribwixxi ghall-manteniment tat-tifel minuri E billi jghati lill-attrici s-somma komplessiva ta' €167 kull erba gimghat, oltre nofs l-ispejjez kollha relatati ma' l-edukazzjoni [inkluzi, spejjez ta' trasport, uniformijiet, stationery u kotba, donazzjonijiet-mizati u attivitajiet extra kurrikulari, u lezzjonijiet tal-privat fejn mehtieg] u mas-sahha tal-minuri [inkluzi, vizti ghand specjalisti, dentisti u oftalmologi, fejn hemm bzonn] kontra d-debita invoice jew ricevuta. Dan l-ammont, ghandu jigi rivedut kull sena skond l-gholi tal-hajja, u jibqa' dovut sakemm il-minuri isir maggjonrenni.

Ic-childrens' allowance ghandu jigi percepit fl-intier tieghu mill-attrici li maghha ser jibqa' jghix l-minuri.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Fl-ewwel lok, issir referenza ghar-rapport tal-perit legali u senjatament ghall-pagni 45 u 1807 sa 1820, li qedin jigu annessi mal-gudizzju odjern [Appendici C]

*Id-Dar Matrimonjali* – T-Rex 222 Tas-Swatar, limiti ta' l-Msida, u pretensjoni ta' kreditu fir-rigward.

Illi kif jirrizulta mill-verbal registrat mill-partijiet fl-udjenza tas-7 ta' Mejju 2008[5], illum din hija proprjeta' taz-zewg partijiet, u tifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti.

Illi pero' hemm pretensjoni ta' kreditu sostanzjali da parti tal-konvenut, dwar flus donati lilu minn missieru ghall-ispejjez tax-xogholijiet ta' kostruzzjoni, aperturi u finishings li saru f' dan il-fond.

Il-kontestazzjoni in propozitu da parti ta' l-attrici hija duplici: [A] primarjament tikkoncerna l-identita' tad-donatarju; u [B] sekondarjament tirrigwarda l-quantum ta' l-ammont donat.

[A] Illi l-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa kemm ix-xhieda in propozitu, kif ukoll is-sottomissjonijiet ezawrienti tal-partijiet, waslet ghas-segwenti konkluzjonijiet:

Mill-provi jirrizulta pacifiku li Vincent C, missier il-konvenut kien ta' pozizzjoni finanzjarja felici hafna u kien generuz hafna mal-partijiet, tant li kien jaghti somma ta' flus kull xahar lit-tfal tieghu sabiex jghinhom fil-bzonnijiet tal-hajja ta' kuljum. Minbarra affarijiet ohra, huwa kien jaghti lill-konvenut is-somma ta' Lm130 fix-xahar sabiex jghinhom finanzjarjament, anke meta l-partijiet kienu marru jghixu ghar-rashom fid-dar konjugali.

Illi jirrizulta pacifiku wkoll li l-genituri tal-konvenut iffinanzjaw, esklussivament u b' ammonti sostanzjali ta' flus fuq perijodu ta' zmien, il-kostruzzjoni tad-dar konjugali tal-partijiet, u x-xogholijiet ta' finishing; u dan kien isir billi Vincent C, kien ihallas il-kontijiet ghax-xogholijiet li kienu qed isiru, kemm hu direttament, jew indirettament billi jaghti flus lil ibnu ghal dan l-iskop.

Illi l-konsenja ta' dawn l-ammonti kienet issir brevi manu minghajr il-formalita' tal-kitba, izda meta nqala' l-inkwiet matrimonjali bejn il-partijiet, il-konvenut u l-genituri tieghu ffirmaw kuntratt ta' donazzjoni ppubblikat fid-9 ta' April 2002 fejn fformalizzaw that in-nomenklatura ta'

[5] Fol.1855

‘donazzjoni’ l-ammonti ta’ flus li dawn kienu ghaddew lill-konvenut fil-bini tad-dar konjugali.

Illi l-kontestazzjoni attrici f’ dan ir-rigward, mhijiex in-natura guridika tat-transazzjonijiet li saru bhala donazzjonijiet, izda tirrigwarda l-identita’ tad-donatarju jew donatarji; ghax, filwaqt li l-konvenut isostni li dawk il-flus kienu gew donati lilu biss, l-attrici tghid li l-flus kienu gew donati liz-zewg partijiet.

In sostenn tat-tezi taghha hija tghid li, kif jirrizulta wkoll mill-provi, il-genituri tal-konvenut, kienu jirrispettawha u jhobbuha u kienu iqisuha bhala binthom [dan naturalment sakemm beda’ jinqala’ l-inkwiet anke bejn l-attrici u omm il-konvenut bir-rizultat li l-attrici telqet mid-dar taghhom], u missieru kien jghinhom hafna finanzjarjament anke fil-hajja ta’ kuljum. Fi kliem iehor, l-attrici qed issostni li, ghax il-genituri tal-konvenut kienu jhobbuhua tant li kienu iqisuha bhala binthom, u ghax kienu generuzi fil-flus ma’ uliedhom, u ghax meta l-missier kien jaghti l-flus lil ibnu biex ihallas l-ispejjez tax-xogholijiet, huwa ma kienx jispecifika li dawn kien qed jaghtihom lilu biss u mhux lill-konvenuta, allura, skond l-attrici, il-flus li kien hareg missier il-konvenut ghax-xogholijiet li saru fid-dar konjugali taghhom kienu saru b’ donazzjoni liz-zewg partijiet proprjetarji tal-fond de quo. L-attrici tissottometti wkoll li din il-vera ntenzjoni ta’ Vincent C, allura donant, timmanifesta ruhha fil-fatt li l-kuntratt pubbliku tad-donazzjoni sar ferm wara li saru d-donazzjonijiet, u sar minhabba l-proceduri tas-separazzjoni inizjati mill-attrici.

Illi l-konvenut minn naha tieghu jirribatti t-tezi attrici b’ diversi argumenti, legali u fattwali.

Illi din il-Qorti tikkunsidera opportuni s-segwenti osservazzjonijiet in propozitu:

[1] Illi minn jallega fatt ghandu fil-ligi l-oneru tal-prova tal-fatt allegat minnu;

[2] Illi l-punt krucjali fid-determinazzjoni ta’ din il-vertenza jirrisjedi fil-volonta’ u l-intenzjoni specifika ta’ Vincent C

meta dan kien jghaddi l-flus lil ibnu l- konvenut, ghall-iskop fuq indikat; fi kliem iehor, jekk l-intenzjoni specifika tieghu kienitx li jaghti donazzjoni lil ibnu biss, jew lill-attrici wkoll tenut kont tal-fatt li hi wkoll hija proprjetarja ta' l-art li fuqha nbniet id-dar.

Illi din il-Qorti, kuntrarjament ghal fehema tal-perit legali, hija ferma fil-fehema taghha, li l-finanzjament da parti ta' Vincent C ghall-kostruzzjoni u xogholijiet ta' furnishings tad-dar konjugali, sar bhala donazzjoni lil ibnu biss li kellu sehem indiviz ma' martu tal-fond de quo. Dan jirrizulta kemm fuq bazi ta' probabilita'; tenut kont tal-fatt li l-flus kien jghaddihom lill-konvenut u mhux lill-attrici li minn naha taghha lanqas biss kienet taf x' qed jintefaq; tenut kont ukoll ta' l-ammonti sostanzjali moghddija, kif ukoll tenut kont tal-verosimiljanza li twassal ghall-konkluzjoni li, irrispettivament mill-fatt li fil-bidu l-genituri tal-konvenut kienu jirrispettaw u jhobbu lill-attrici bhala mart binhom, il-fatt jibqa' li binhom kien il-konvenut u mhux l-attrici; u ghandu jkun car li donazzjonijiet bhal dawk li saru u li huma ta' certu entita' lil parti fiz-zwieg, ghandhom, fin-nuqqas ta' provi li juru l-kuntrarju, logikament jitqiesu bhala li saru lil din il-parti biss u mhux lill-konjugi l-iehor.

[B] Illi stabbilit li d-donazzjonijiet saru biss lill-konvenut, jibqa' biex jigi determinat il-quantum taghhom. In propozitu l-attrici ssostni li dawn jammontaw ghas-somma komplessiva ta' LM19,000, filwaqt li l-konvenut jghid li dawn jammontaw komplessivament ghas-somma ta' LM60,000; l-attrici tghid li hi waslet ghal dak l-ammont fuq dak li kien jghid missier il-konvenut peress li hi kienet fl-ghama dwar il-quantum ta' l-ammont tad-donazzjonijiet, filwaqt li l-konvenut pprezenta lista dettaljata ta' l-affarijiet li saru fid-dar, u anke pproduca ricevuti.

Illi in propozitu l-perit legali josserva li "jigi rilevat li hemm ricevuti li jirreferu ghall-istess hlas, u gew ezebiti aktar minn darba wahda."[6] Il-Qorti, filwaqt li tosserva li l-perit legali ma tax dettalji ulterjuri rigward din l-osservazzjoni, ezaminat ir-ricevuti ezebiti a fols.1015 et seq rigwardanti

[6] Vol.IV – fol.1813.

spejjez li saru mill-konvenut u minn missieru ghal xogholijiet li saru fil-fond tal-partijiet, u ma jirrizultax li kien hemm ricevuti li gew ezebiti aktar minn darba wahda; jirrizulta biss, u dan huwa ferm verosimili, li saru diversi pagamenti lill-istess persuna f' dati differenti, liema fatt huwa komprensibbli u huwa normali li jsiru pagamenti akkont tax-xoghol li jkun qed jsir, bhal per ezempju lill-bennej. Il-qorti ezaminat il-kontenut tar-ricevuti u rrizultalha, fid-dawl ta' l-affidavit[7] tal-konvenut u x-xhieda moghtija minn missieru, li l-quantum tad-donazzjonijiet moghtija minn dan lil ibnu ghall-kostruzzjoni u finishings tad-dar matrimonjali jammonta komplessiva ghas-somma ta' €76,865.25 [Lm32,989.38][8]

Illi ferm il-premess, il-Qorti tordna li l-fond fuq imsemmi jinbigh fuq is-suq liberu fi zmien sena, wara li jigi stmat mill-Perit Mario Cassar li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop kemm il-darba l-partijiet ma jasslux ghal valur konkordat; u fin-nuqqas li jsir dan il-bejgh, tordna li l-fond jinbigh bis-subbasta u r-rikavat jigi maqsum f' zewg porzjonijiet ugwali, sabiex porzjon jinghata lill-konvenut, filwaqt li l-porzjon l-iehor jinghata lill-attrici wara li jitnaqqas minnu l-ammont fuq indikat ta' €76,865.25 [Lm32,989.38] li ghandu jinghata lill-konvenut in sodisfazzjoni tal-kreditu tieghu.

*Oggetti mobbli, u pretensjoni ta' kreditu fir-rigward.*

Illi f' dan ir-rigward il-konvenut qed jippretendi kreditu ta' Lm13,488.15 rapprezentati flus donati lilu minn missieru sabiex jixtru l-oggetti ndikati fil-paragrafi 17 sa 20[9] tan-nota tieghu.

Illi in propozitu ghal pretensjoni tieghu ta' Lm8,229.15, il-Qorti tosserva li mill-provi, u senjatament mix-xhieda ta' missier il-konvenut, ma jirrizultax sodisfacentement provat li d-depozitu ta' Lm1,500 kien effettivament thallas minn missieru. Fix-xhieda tieghu l-istess Vincent C jghid:

---

[7] Fol.167 *et seq.*

[8] Vide nota konvenut para.16 – fol.168: Lm33,173.42 – Lm184.04 liema ammont gie elenkat darbtejn, partiti [l] u [p]

[9] Fol.19

“M’hinix cert jekk id-depozitu ta’ Lm1,500 lil Fino kontx taghtulhom jien, jew kienux harguh huma.”[10] Inoltre, rigward l-ammonti mensili ta’ Lm130 li kienu jinghataw minn missieru lill-partijiet l-istess missieru jghid li dan kien jaghmlu “biex nghinhom” u “ghal bzonnijiet taghhom.”[11] Ghalhekk jirrizulta car ghal din il-Qorti li dawn l-akkonti mensili kienu jinghataw bhala donazzjoni liz-zewg partijiet, sabiex jixtru dak li kellhom bzonn.

Illi rigward l-oggetti l-ohra ndikati fil-paragrafu 20, il-Qorti tosserva li dawn huma oggetti li ghandhom life span limitata u li jintuzaw kwotidjanament miz-zewg partijiet, u l-Qorti hi tal-fehema li l-provi juru li dawn il-flus kienu donazzjonijiet intizi ghaz-zewg partijiet. Dan johrog aktar car minn dak li ssottomess mill-istess konvenut fin-nota tieghu fejn jghid “Kien jibaghtni [missieri] naghzel l-appliances flimkien mal-mara …… [u] mill-oggetti li jiena elenkajt fil-paragrafu precedenti [para.20] “kien hemm ukoll drabi meta dawn l-arrangamenti kienu jsiru bejn il-mara u missieri minghajr l-invovliment tieghi”[12] u jsemmi l-okkazzjoni tax-xiri tal-cooker u tal-freezer. Barra minnhekk uhud mill-partiti ndikati mhumiex muniti bir-ricevuti relattivi.

*Ghamara u oggetti fid-dar*

Illi f’ dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-kontenut tal-paragrafi 189 sa 191 tar-rapport tal-perit legali[13], u taddottah fl-intier tieghu, u ghalhekk tordna li l-oggetti hemm specifikati jigu maqsuma bejn il-partijiet kif hemm indikat.

Izda b’ referenza ghas-sottomissjoni maghmula mill-attrici fin-nota taghha fil-paragrafu 5[e] il-Qorti tordna li jekk l-affarijiet hemm indikati ghadhom jezistu, dawn, jew il-valur taghhom, ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet.

*Kontijiet Bankarji*

---

[10] Vol.3 – fol.990
[11] Vol.3 – fol.1062
[12] Vol.1 – fol.169
[13] Fols.1819 u 1820

Illi f' dan ir-rigward il-Qorti taddotta l-paragrafu 178 a fols.1815 u 1816 fl-intier tieghu [Appendici D], kontenenti lista tad-depoziti bankarji, f' isem iz-zewg partijiet separatament, formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti; u taddotta l-konkluzjoni tal-perit legali limitatament fis-sens li dawn ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet; filwaqt li ma taqbilx ma' dik li parti fejn gie suggerit li l-attrici ghandha tghati nofs l-ammont ta' Lm521.56 migbud minnha, u dan stante li jirrizulta li dan ngibet ghall-bzonnijiet ta' l-attrici meta l-komunjoni kienet ghadha fis-sehh.

Il-Qorti taqbel li l-ammont dovut lill-attrici ghandu jigi kwantifikat, stante li l-maggjor parti ta' dawn il-kontijiet jinsabu fuq isem il-konvenut, u taqbel mal-komputazzjoni maghmula mill-attrici fin-nota taghha fil-paragrafu 5[b] a fol.1875. Konsegwentement tordna li, filwaqt li l-kontijiet bankarji jistghu jibqghu ntestati kif fuq indikati, il-konvenut ihallas lill-attrici bhala sehemha mill-kontijiet is-somma ta' €8,365.52 u nofs l-imghaxijiet li ddekorrew fuq dawn id-depoziti sad-data tas-sentenza.

Tordna wkoll li l-kontijiet bankarji li jinsabu fuq il-minuri ghandhom jibqghu kif inhuma amministrati mill-konvenut sakemm il-minrui jaghlqu 18-il sena. Dawn il-kontijiet mal-HSBC huma: Kont Savings [D] u Kont Fixed [D] bl-ammonti rispettivi ta' LM127.25 u LM2,294.23; u Kont Savings [E] u Kont Fixed [E], bl-ammonti rispettivi ta' LM74.64 u LM521.36

*Investimenti u Polza ta' l-Assikurazzjoni*

Illi kif jirrizulta mill-paragrafu 182 tar-rapport peritali, hemm investimenti mal-Globe Financial Management Account [Appendici E][14] fuq isem il-partijiet [Acc.9544], u fuq isem il-konvenut u uliedu [Acc.9531 u 9532]. Il-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjonijiet u konkluzjoni ragguniti mill-perit legali, u tordna li, filwaqt li l-kont 9544 ghandu jdur fl-intier tieghu fuq isem il-konvenut, iz-zewg kontijiet l-ohra ghandu jibqghu kif inhuma amministrati mill-konvenut

[14] Fols.1816 – 1818

u li m’ ghandhom jsir ebda tibdil fihom sakemm il-minuri jsiru maggjorenni.

Illi l-Life Insurance Policy mal-Middlesea Insurance indikata fil-paragrafu 102 tar-rapport [fol.1767] ghandha tibqa’ kif inhi sakemm it-tfal isiru maggjorenni.

*Vettura – Peugeot HAN 396*
Il-Qorti filwaqt li taddotta l-kontenut tal-paragrafi 186 sa 188 tar-rapport peritali, tordna li din il-vetturi tigi assenjata fl-intier taghha lill-attrici b’dan li l-ispejjez zborzati minnha minhabba l-incident stradali ghandhom jigi sopportati nterament minnha.

*Beni Parafernali*
F’ dan ir-rigward il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-perit legali.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi dwar l-azzjoni billi:
[1] tilqa’ l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut;

[2] tilqa’ t-tieni talba fit-termini u kif fuq stabbilit fis-sezzjoni “Kura u Kustodja”

[3] tilqa’ t-tielet talba limitatament kif fuq stabbilit fis-sezzjoni “Manteniment” u tichadha ghall-kumplament;

[4] tichad ir-raba talba, stante li ma jirrizultawx ragunijiet sufficjenti biex jiggustifikaw l-applikazzjoni ta’ l-artikolu 48, in toto jew in parte;

[5] tilqa’ l-hames talba billi tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti u l-likwidazzjoni taghha, u tilqaghha limitatament billi tassenja l-assi fit-termini u kif fuq stabbilit fis-sezzjoni “Komunjoni ta’ l-Akkwisti”;

[6] tichad is-sitt talba, in vista ta’ l-ekwiparazzjoni li saret fil-likwidazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti;

Tiddeciedi dwar il-kontro talba billi:
[1] tilqa’ l-ewwel talba limitatament kif fuq deciz;
[2] tichad it-tielet talba;
[3] tichad ir-raba talba;
[4] tichad il-hames talba;
[5] tilqa’ s-sitt u s-seba’ talba fit-termini gja fuq decizi;
[6] tichad it-tmien talba, u tordna li fi zmien tlett xhur il-konvenut jallontana ruhu mid-dar T – Rex 222 Tas-Swatar limiti ta’ l-Imsida, sabiex din tkun tista’ tinbigh;
[7] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tad-disa’ talba stante li hija superfluwa;
[8] tichad it-talba numru ghaxra, ghall-istess raguni moghtija mill-perit legali;

L-ispejjez ta’ l-azzjoni u tal-kontro talba jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------